



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.11.2016
COM(2016) 708 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara
applikazzjoni minn Spanja – EGF/2016/004 ES/Comunidad Valenciana - Vetturi**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli li japplikaw għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹ (ir-'Regolament tal-FEG').
2. Fil-21 ta' Ġunju 2016, Spanja ressqet l-applikazzjoni EGF/2016/004 ES/Comunidad Valenciana - Vetturi għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji² fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt NACE Reviżjoni 2 Diviżjoni 29 (Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers) fir-reġjun tal-livell NUTS 2 tar-reġjun ta' Comunidad Valenciana (ES52) fi Spanja.
3. Wara li vvalutat din l-applikazzjoni, u b'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha tar-Regolament tal-FEG, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

L-applikazzjoni tal-FEG	FEG/2016/004 ES Comunidad Valenciana - Vetturi
Stat Membru	Spanja
Ir-reġjun(i) ikkonċernat(i) (il-livell ³ NUTS 2)	Comunidad Valenciana (ES52)
Id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni	Il-21 ta' Ġunju 2016
Id-data ta' konferma tal-wasla tal-applikazzjoni	Il-21 ta' Ġunju 2016
Id-data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	Il-5 ta' Lulju 2016
Id-data ta' skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	Is-16 ta' Awissu 2016
Id-data ta' skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	It-8 ta' Novembru 2016
Il-kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-FEG
L-għadd ta' intrapriżi kkonċernati	29
Is-settur(i) tal-attività ekonomika (Id-Diviżjoni NACE Reviżjoni 2) ⁴	Id-Diviżjoni 29 (Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers)
Il-perjodu ta' referenza (disa' xhur):	30 ta' Ġunju 2015 – 30 ta' Marzu 2016

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

² Skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-FEG.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trasmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqasim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

⁴ ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

L-għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza	250
Għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli	250
L-għadd totali ta' benefiċjarji fil-mira	250
Baġit għas-servizzi personalizzati (EUR)	1 334 000
Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁵ (EUR)	94 000
Il-baġit totali (EUR)	1 428 000
Il-kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (EUR)	856 800

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

4. Fil-21 ta' Ġunju 2016 Spanja ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2016/004 ES/Comunidad Valenciana - Vetturi fi 12-il ġimgħa mid-data li fiha l-kriterji għall-intervent stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-FEG ġew issodisfati. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-wasla tal-applikazzjoni fl-istess data, u talbet informazzjoni addizzjonali minn Spanja fil-5 ta' Lulju 2016. Din l-informazzjoni addizzjonali nġhatat fi żmien sitt ġimgħat mit-talba. L-iskadenza ta' 12-il ġimgħa minn meta waslet l-applikazzjoni kompluta, li fihom il-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja, tiskadi fit-8 ta' Novembru 2016.

L-eliġibbiltà tal-applikazzjoni

L-intrapriżi u l-benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni tikkonċerna 250 ħaddiem li nġhataw is-sensja fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt NACE Reviżjoni 2 Diviżjoni 29 (Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers) fir-reġjun ta' Comunidad Valenciana fil-livell NUTS 2 (ES52).

L-intrapriżi u l-għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza			
ANADIA FUNDICION	1	INDUSTRIAS DOLZ SA	1
AUTOMOVILES BLAM SL	1	INDUSTRIAS DOLZ SL	1
BENIMAR-OCARSA SA	1	INDUSTRIAS OCHOA SL	1
BERGE AUTOMOTIVE LOGISTICS SL	1	LEAR EUROPEAN HOLDING SLU	1
BOSAL ESPAÑA SA	1	MAGNA SEATING SPAIN SAU	2
BOSAL MADRID SL	1	MODULAR LOGISTICA VALENCIANA SL	1
BOSAL VALENCIA SAU	215	MUELLES Y BALLESTAS HISPANO ALEMANAS SL	1
ELECTRO CASTELLAR SL	2	RADIADORES ORDOÑEZ SA	2
ESTAMPACIONES METALICAS MOYMA SL	1	SAS AUTOSYSTEMTECHNIK VALENCIA SLU	1
FABRICACION MODULAR VALENCIANA SL	1	SICAL SL	1
FAURECIA AUTOMOTIVE EXTERIORES ESPAÑA SAU	1	SPANIA GTA TECNOMOTIVE SL	1
FAURECIA EMISSION CONTROL TECHNOLOGIES PAMPLONA	1	STIL CONVERSION SL	1
FAURECIA INTERIOR SYSTEMS SALC	1	TALENTO Y EXPERIENCIA SL	1

⁵ F'konformità mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

ESPAÑA SL			
FEU VERT IBERICA SA	1	TECNOVE SL	1
FORD ESPAÑA SL	5		
L-għadd totali ta' intrapriżi: 29		L-għadd totali ta' sensji:	250
L-għadd totali ta' persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagghom waqfet:			0
L-għadd totali ta' ħaddiema u persuni li jaħdmu għal rashom eliġibbli:			250

Il-kriterji ta' intervent

- Spanja ppreżentat l-applikazzjoni skont il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 4(2) li jidderoga mill-kriterju tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament tal-FEG, li jeħtieġ li mill-inqas 500 ħaddiem jingħataw is-sensja fuq perjodu ta' referenza ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku definit fil-livell ta' Diviżjoni tal-NACE Reviżjoni 2 u li jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi li huma definiti fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru. Kien hemm 250 sensja fir-reġjun tal-livell NUTS 2 ta' Comunidad Valenciana (ES52)
- Il-perjodu ta' referenza ta' disa' xhur tal-applikazzjoni jibda mit-30 ta' Ġunju 2015 u jibqa' għaddej sat-30 ta' Marzu 2016.

Il-kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

- L-għoti ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza ġie kkalkolat mid-data tat-terminazzjoni *de facto* tal-kuntratt tal-impjeg jew l-iskadenza tiegħu.

Il-benefiċjarji eliġibbli


- L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 250.

Rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni

- Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni, Spanja argumentat li l-industrija tal-vetturi Ewropea tilfet sehem sinifikanti mis-suq fl-aħħar deċenni.
- F'termini assoluti, filwaqt li l-UE-27 iffaċċjaw tnaqqis fil-produzzjoni ta' vetturi bil-mutur fl-2015 meta mqabbla ma' 2006 minn 0,5 miljun unità (minn 18,7 miljun unità fl-2006 għal 18,2 fl-2015) jew -2,8 %, il-produzzjoni globali żdiedet b' 31,1 % (minn 69,2 miljun unità fl-2006 għal 90,9 fl-2015)⁶, b'mod partikolari fiċ-Ċina kif ukoll f'ekonomiji oħra tax-Xlokk tal-Asja.
- Il-grafika ta' hawn taħt turi t-tnaqqis fis-sehem tas-suq tal-UE għall-karozzi tal-passiġġieri mill-2000 sal-2013. Is-sehem tas-suq tal-UE waqa' minn 39,3 % fl-2000 għal 22,3 % fl-2013, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 17-il punt perċentwali.

⁶ bażi tad-dejta OICA

Il-produzzjoni tal-karozzi tal-passiġġieri — Tqabbil internazzjonali (% ta' sehem) – 2000-2013



Sors: OICA


13. Fl-2015, iċ-Ċina hija l-akbar produttur bi 26 % tal-produzzjoni dinjija tal-karozzi, waqt li l-UE, li hija t-tieni l-ikbar produttur, tirrappreżenta 22 % tal-produzzjoni tal-karozzi globali b'73,5 miljun karozzi tal-passiġġieri⁷. Dan it-tnaqqis fis-sehem tas-suq tal-UE hu parti minn tendenza itwal, kif ġie ddikjarat mill-Kummissjoni fil-valutazzjonijiet tagħha tal-każijiet preċedenti ta' applikazzjonijiet tal-vetturi għall-FEG abbażi tal-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ⁸.
14. Il-forza prinċipali li twassal għal din it-tendenza hija l-bidla ġeografika fil-konsum marbuta mal-globalizzazzjoni, b'mod partikolari t-tkabbir rapidu fid-domanda fis-suq Ażjaticu li minnu l-produtturi tal-UE huma anqas kapaċi li jibbenefikaw, peress li tradizzjonalment, il-pożizzjoni tagħhom f'dawn is-swieq hija anqas tajba.
15. L-industrija tal-karozzi Ewropea kienet ukoll milquta mit-tnaqqis fid-domanda domestika minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja. Ir-reġistrazzjonijiet tal-karozzi tal-passiġġieri fl-UE naqsu b'mod kontinwu bejn l-2008 u l-2013. Mill-2014 ix-xejra nqalbet. Madankollu, l-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet għadu taħt il-livelli milħuqa matul is-snin ta' qabel il-kriżi ekonomika u finanzjarja⁹.

⁷ ACEA The Automobile Industry Pocket Guide 2016–2017

⁸ Ara n-nota Nru 10 ta' qiegħ il-paġna.

⁹ ACEA The Automobile Industry Pocket Guide 2016–2017

**Reġistrazzjonijiet ta' karożżi ġodda fl-UE f'miljun unità,
% tal-bidla / 2004 – 2015**



16. Fi Spanja, it-tnaqqis fil-produzzjoni tal-karożżi kkawża tnaqqis kemm fl-intrapriżi kif ukoll fl-impjeggi. Matul il-perjodu 2008–2014, l-ġhadd ta' intrapriżi tal-karożżi naqas minn 901 għal 806 (-10,5 %) u l-impjeggi fis-settur naqsu minn 164 038 għal 135 997 (-17 %). Fil-Comunidad Valenciana 62 mill-intrapriżi tal-karożżi waqqfu l-attivitajiet għal total ta' 187. Dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 33.16 %.
17. Sal-lum, is-settur tal-manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers kien is-suġġett ta' 23 applikazzjoni lill-FEG, inkluża din, li 13 minnhom kienu bbażati fuq globalizzazzjoni relatata mal-kummerç u 10 fuq il-kriżi ekonomika u finanzjarja globali¹⁰.

¹⁰ Abbażi tal-globalizzazzjoni relatata mal-kummerç: EGF/2016/004 ES Comunidad Valenciana għall-industrija tal-karożżi, (is-suġġett ta' din il-proposta għal deċiżjoni), kif ukoll, EGF/2007/001 FR PSA Fornituri. COM(2007) 415; EGF/2007/010 PT Lisboa Alentejo. COM(2008) 94; EGF/2008/002 ES Delphi. COM(2008) 547; EGF/2008/004 ES Castilla y León Aragón. COM(2009) 150; EGF/2009/013 DE Karmann. COM(2010) 007; EGF/2012/005 SE Saab, COM(2012) 622; EGF/2012/008 IT De Tomaso; COM(2013) 469; EGF/2013/006 PL Fiat Auto Poland, COM(2014) 699, EGF/2013/012 BE Ford Genk, COM(2014) 532; EGF/2014/006 FR PSA, COM(2014) 560; EGF/2015/003 BE Ford Genk, COM(2015) 336 u EGF/2015/009 SE Volvo Trucks (Trakkijiet Volvo), COM(2016) 61

Abbażi tal-kriżi finanzjarja u ekonomika: EGF/2009/007 SE Volvo, COM(2009) 602 EGF/2009/009 AT Steiermark, COM(2009) 602; EGF/2009/019 FR Renault, COM(2011) 420; EGF/2010/002 ES Cataluña automotive, COM(2010) 453; EGF/2010/004 PL Wielkopolskie, COM(2010) 616; EGF/2010/015 FR Peugeot, COM(2012) 461; EGF/2010/031 BE General Motors Belgium, COM(2011) 212; EGF/2011/003 DE Arnsberg and Düsseldorf automotive, COM(2011) 447;

L-avvenimenti li wasslu għas-sensji u għall-waqfien tal-attività

18. L-avvenimenti li jagħtu lok għal dawn is-sensji huma l-falliment u l-għeluq ta' Bosal S.A., l-intrapriża li tat is-sensja lill-biċċa l-kbira tal-ħaddiema kkonċernati minn din l-applikazzjoni.
19. S.A., Bosal, bdiet l-operazzjonijiet tagħha fil-belt ta' Sagunto fl-1986. L-attività ċentrali tagħha hija l-manifattura ta' parts u aċċessorji għal vetturi bil-mutur (b'mod partikolari fis-sistemi tal-egżost tal-vetturi, katalizzaturi, eċċ.). Il-Bosal bdiet tipproduċi prinċipalment għas-suq tal-vetturi Spanjol. Min-naħa l-oħra, il-produzzjoni ġiet iddiversifikata aktar tard u l-intrapriża manifatturat komponenti oriġinali ta' vetturi oħra wkoll għal swieq oħra.
20. Mill-2012, l-intrapriża kellha diffikultajiet minħabba t-tnaqqis tal-produzzjoni tal-vetturi fl-UE. Biex taġġusta l-kapaċità ta' produzzjoni skont id-domanda u jitnaqqsu l-ispejjeż, il-Bosal għamlet użu minn skedi ta' xogħol imnaqqas b'mod obligatorju, li ġew applikati għall-persunal kollu. Madankollu, dawn il-miżuri ma ħadmx u fil-15 ta' Jannar 2015 l-intrapriża ddikjarat falliment u tpoġġiet taħt amministrazzjoni speċjali. F'Novembru tal-2015, il-Bosal, tat is-sensja lill-ħaddiema kollha tagħha (215 ħaddiem) u daħlet fi proċedimenti ta' likwidazzjoni.

L-impatt mistenni tas-sensji fuq l-ekonomija u l-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali

21. Fit-80ijiet, l-ekonomija ta' Sagunto, it-territorju milqut mis-sensji, kien marbut prinċipalment mal-Altos Hornos del Mediterráneo (blast furnace). Wara l-għeluq tagħha, it-territorju ġie ddikjarata "Żona ta' Reindustrializzazzjoni Preferenzjali" ('Preferential Reindustrialization Area') u nġataw varjetà ta' inċentivi għal negozji ġodda li bdew jirrisjedu hemmhekk. Il-maġġoranza tal-intrapriżi li bdew negozji f'Sagunto kienu marbuta mal-industrija tal-karozzi. Sa mill-2008, minħabba l-effett tal-kriżi ekonomika u finanzjarja u l-globalizzazzjoni fil-manifattura tal-karozzi, bosta minn dawn il-kumpaniji għalqu jew naqqsu l-attività tagħhom bis-sħiħ, u dan irriżulta fi tnaqqis fil-ħin tax-xogħol u s-sensji. It-tnaqqis tal-attività industrijali kellu konsegwenzi sostanzjali fl-ekonomija u fl-impjiegi ta' Sagunto. Fl-2015 meta mqabbel mal-2007, l-għadd ta' persuni qiegħda f'Sagunto żdied bi tliet darbiet, minn 2 778 sa 6 437. Il-250 ħaddiema mogħtija s-sensja kkonċernati minn din l-applikazzjoni se jiggravaw il-qagħda tal-impjiegi diġà fraġli tat-territorju affettwat.

Spjegazzjoni taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jirfdu l-ammissibbiltà tal-applikazzjoni

22. Spanja argumentat li, minkejja l-fatt li f'it anqas minn 500 nġataw is-sensja fil-perjodu ta' referenza ta' disa' xhur, din l-applikazzjoni xorta għandha tiġi assimilata ma' applikazzjoni skont l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament tal-FEG minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li għandhom impatt serju fuq l-impjiegi u fuq l-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali. Għal dan l-għan, huma jsemmu l-fatt li 250 impjieg mitlufa f'Sagunto huwa għadd kbir fiċ-ċirkostanzi ta' din il-belt zġhira u żona rurali li sofriet il-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, flimkien mal-effetti tal-globalizzazzjoni fuq setturi bħal tal-karozzi ta' importanza kbira għall-ekonomija tat-territorju. Għalkemm ir-rata tal-impjieg wriet sinjali ta' rkupru fl-aħħar sena, ir-rata tal-qgħad f'Comunidad Valenciana għadu fil-livell ta' 21.8 %¹¹.

EGF/2011/005 PT Norte-Centro automotive, COM(2011) 664; u EGF/2015/002 DE Adam Opel, COM(2015) 342.

¹¹ EPA Q2 2016. <http://www.datosmacro.com/paro-epa/espana-comunidades-autonomas/valencia>

23. Affiljazzjoni tad-dejta għas-sigurtà soċjali juru tnaqqis b'15 % (-296 952 persuni) f'għadd ta' nies impjegati fil-Comunidad Valenciana fl-2015 meta mqabbel mal-2008, filwaqt li f'Sagunto, l-għadd ta' nies impjegati naqas b'28,5 % (-5 939 persuni), jiġifieri differenza ta' 13,5 punti perċentwali mqabbla mal-valuri tar-reġjun¹².
24. Abbażi tad-dejta tal-Eurostat dwar il-qgħad ta' bliet b'popolazzjoni simili għal Sagunto, Spanja ssostni li huma biss il-bliet f'territorji ultraperiferiċi (bħal Le Tampon-Reunion: 26.8 %) jew li kienu s-suġġett ta' bosta każijiet tal-FEG (Il-Maċedonja-Greċja Ċentrali: 28.7 %), għandhom rati tal-qgħad li jaqbzū dik ta' Sagunto (25.8 %).
25. Il-Comunidad Valenciana huwa fost ir-reġjuni tal-UE li ntlaqtu l-aġħar mill-effetti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja u l-globalizzazzjoni. Sa mill-2009, Spanja ppreżentat disa' applikazzjonijiet tal-FEG¹³ b'appoġġ għall-ħaddiema li nġhataw is-sensja f'dan ir-reġjun, f'varjeta' ta' setturi. Total ta' 1 560 intrapriża, l-iktar SMEs, kienu kkonċernati minn kważi 7 600 sensja. Barra minn hekk, Sagunto u l-kontea tagħha l-Camp de Morvedre għandhom qed jiṭṭhabtu mal-effetti tas-sensji bil-massa, li għalihom kienet tressqet applikazzjoni FEG li ġiet approvata fl-2014¹⁴.
26. Minħabba s-sitwazzjoni ekonomika ta' dawn l-aħħar snin li wasslet għall-għeluq ta' għadd kbir ta' negozji, is-siti industrijali fit-territorju huma prinċipalment mhux okkupati. Ma kien hemm l-ebda ftuħ riċenti ta' impjanti fiż-żona li jista' jkollha opportunitajiet ġodda ta' impjieg għall-ħaddiema. Biex titreġġa' lura din ix-xejra, Sagunto, ġie inkluż fil-pjan ta' azzjoni tal-gvern reġjonali mmirat lejn qawmien mill-ġdid industrijali tat-territorju. Erba' miljun euro huma allokatu għal dan l-iskop fil-baġit tal-2016.
27. Kważi 20 % tal-popolazzjoni Sagunto huma persuni anzjani u 5,8 % għandhom 'il fuq minn 80 sena. Fost il-persuni qiegħda, dawk li ilhom qiegħda fit-tul jirrappreżentaw 38,5 % filwaqt li r-rata ta' persuni qiegħda fil-grupp ta' età ta' 45 u iktar telgħet għal 58,7 %. Mill-ħaddiema ssensjati kkonċernati minn din l-applikazzjoni, 71 % għandhom 'il fuq minn 45 sena, 78 % kienu impjegati mill-istess intrapriża għal mill-anqas 15-il sena konsekuttivi u 50 % ma għandhom l-ebda kwalifiki edukattivi, li jagħmilhom vulnerabbli ħafna f'kuntest ta' skarsezza ta' impjegi. Barra minn hekk, iċ-ċensiment tal-2014 juri li Sagunto għandu rata ta' dipendenza ta' 53,7 %, li hija ogħla mill-medja ta' 51,8 % tal-UE-28¹⁵.

¹² Instituto Nacional de la Seguridad Social.

¹³ EGF/2009/014 ES Comunidad Valenciana - ċeramika, COM(2010) 216;
 EGF/2010/005 ES Comunidad Valenciana - ġebel naturali, COM(2010) 617;
 EGF/2010/009 ES Comunidad Valenciana - tessili, COM(2010) 613;
 EGF/2011/006 ES Comunidad Valenciana - konstruzzjoni, COM(2012) 53;
 EGF/2011/020 ES Comunidad Valenciana - żraben, COM(2012) 204 ;
 EGF/2013/004 ES Comunidad Valenciana - materjali għall-bini, COM(2013) 635;
 EGF/2013/008 ES Comunidad Valenciana - tessili, COM(2014) 45;
 EGF/2014/004 ES Comunidad Valenciana - metall, COM(2014) 515
 EGF/2016/004 ES Comunidad Valenciana - l-industrija tal-karozzi (l-oġġett tal-proposta ta' din id-Deċiżjoni).

¹⁴ EGF/2014/004 ES Comunidad Valenciana - metall, COM(2014) 515.

¹⁵ http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Population_structure_and_ageing

Il-benefiċjarji fil-mira u l-azzjonijiet proposti

Il-benefiċjarji fil-mira

28. Dawn il-ħaddiema kollha li ngħataw is-sensja huma mistennija li jipparteċipaw fil-miżuri. It-tqassim ta' dawn il-ħaddiema skont is-sess, iċ-ċittadinanza u l-grupp ta' età huwa hekk kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' benefiċjarji fil-mira	
Sess:	Irġiel:	241	(96,4 %)
	Nisa:	9	(3,6 %)
Ċittadinanza:	ċittadini tal-UE:	249	(99,6 %)
	mhux ċittadini tal-UE:	1	(0,4 %)
Grupp ta' età:	15-24 sena:	0	(0,0 %)
	25-29 sena:	1	(0,4 %)
	30-54 sena:	191	(76,4 %)
	55-64 sena:	58	(23,2 %)
	iktar minn 64 sena:	0	(0,0 %)

Eliġibbiltà tal-azzjonijiet proposti

29. Is-servizzi personalizzati li jridu jiġu pprovduti lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja jikkonsistu mill-azzjonijiet li ġejjin:
- Merħba u sessjonijiet ta' informazzjoni: Din hija l-ewwel miżura li se tiġi offruta lill-ħaddiema kollha u tinkludi: (1) sessjonijiet ta' informazzjoni ġenerali u sessjonijiet ta' informazzjoni individwali dwar il-bżonnijiet ta' ħiliet u taħriġ; dwar programmi disponibbli għall-pariri u t-taħriġ; u dwar konċessjonijiet u inċentivi; (2) proċedura tar-reġistrazzjoni.
 - Gwida okkupazzjonali: Din tinvolvi t-tiswir tal-profil tal-ħaddiema parteċipanti u t-tfassil personalizzat tat-triq lejn l-integrazzjoni mill-ġdid; gruppi ta' ħidma dwar l-intraprenditorija u tekniki għat-tfittix ta' impjiegi; u l-għoti ta' pariri u s-segwitu ta' appoġġ personalizzat matul il-perjodu ta' implimentazzjoni. Il-parteċipanti jistgħu jużaw ukoll servizzi ta' taħriġ wara l-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suk tax-xogħol.
 - Kollokamenti ta' impjiegi: Dan għandu jinvolvi tiftix intensiv u proattivi ta' tfittxija għal opportunitajiet ta' xogħol lokali u reġjonali, faċilitaturi tal-impjiegi u tqabbil sussegwenti. Din il-miżura għandha l-għan li tikkomplementa għat-tiftix individwali għax-xogħol min-naħa tal-benefiċjarji.
 - Taħriġ: Il-miżuri tat-taħriġ se jinkludu varjetà ta' korsijiet ta' taħriġ miġbura f'taħriġ vokazzjonali u taħriġ f'ħiliet trażversali. It-taħriġ vokazzjonali se jiffoka fuq il-liċensjar vokazzjonali, bħal dak meħtieġ għat-trasport tas-CPC¹⁶,

¹⁶ Ċertifikat ta' kompetenza professjonali (CPC)

u fuq setturi u oqsma fejn jeżistu l-opportunitajiet jew se jinħolqu, bħas-settur tal-ikel (sikurezza fl-ikel, HACCP¹⁷, eċċ.), tisjir, prevenzjoni tar-riskju okkupazzjonali u kontroll tal-kwalità u standards tal-ambjent (ISO 9001¹⁸, ISO 14000¹⁹, EFQM²⁰, eċċ.), proġetti HVAC²¹, manteniment ta' tagħmir industrijali, eċċ. L-offerta ta' taħriġ f'filiet trasversali se tinkludi taħriġ f'varjetà ta' ħiliet li jikkontribwixxu għal prestazzjoni aħjar ta' xogħol bħal ICT, lingwi barranin, ġestjoni tan-negozji, eċċ.

- Promozzjoni tal-intraprenditorija: Din il-miżura tfittex li tassisti lil ħaddiema li nġhataw is-sensja li jipprevedu li joħolqu n-negozju tagħhom stess u jkopri elementi bħall-iżvilupp ta' idea ta' negozju, l-ippjanar, it-twertiq ta' studji ta' fattibbiltà, il-ksib ta' finanzi, eċċ.; se jkun disponibbli tagħlim personalizzat privat matul il-proċess kollu sabiex jtnieda n-negozju u jingħata appoġġ firrigward tar-rekwiżiti amministrattivi. Il-parteċipanti jistgħu jużaw ukoll servizzi ta' taħriġ wara li jibdew in-negozju tagħhom.
- Kontribuzzjoni għall-ftuħ ta' negozju: Il-ħaddiema li jiftħu n-negozju tagħhom se jirċievu sa EUR 15 000 li jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-bidu. Waħda mid-diffikultajiet ewlenin li jaffaċċjaw l-imprendituri meta jiftħu negozju hija l-aċċess għal finanzjament. Din il-miżura għandha l-għan li tippromwovi l-intraprenditorija permezz ta' dan l-appoġġ finanzjarju.
- Benefiċċji għall-parteċipazzjoni: Il-parteċipanti, wara li jilhq u l-miri tat-triq tagħhom biex jiġu integrati mill-ġdid se jirċievu benefiċċju ta' EUR 600.
- Kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar: Il-ħaddiema li jipparteċipaw fil-miżuri se jirċievu kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom. L-ammont finali se jiġi kkalkulat skont il-ġranet attwali ta' parteċipazzjoni u d-distanza tal-ivvjaġġar. Huwa stmat li, bħala medja, parteċipant jista' jirċievi EUR 300.
- Għajjnuna għal dawk li jieħdu ħsieb ta' persuni dipendenti: Ħaddiema li għandhom persuni dipendenti (tfal, persuni anzjani jew b'diżabilità) se jirċievu kontribuzzjoni lejn l-ispejjeż tagħhom għal dawk li jieħdu ħsiebhom, bil-kundizzjoni li jipparteċipaw fil-miżuri. Dan għandu l-għan li jkopri spejjeż addizzjonali li jiffaċċjaw il-ħaddiema li għandhom responsabbiltajiet ta' kura sabiex jagħmlu użu mit-taħriġ jew miżuri oħra.
- Kontribuzzjoni għall-ispejjeż relatati ma' bidla fir-residenza: Dawk il-ħaddiema li jaċċettaw impjieg li jinvolvi tibdil ta' residenza se jirċievu somma f'daqqa ta' EUR 3 000 biex ikopru n-nefqa meħtieġa.
- Kontribut b'rata fissa tal-internet. Il-ħaddiema li m'għandhomx internet id-dar u jinstallawh, sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn taħriġ jew miżuri oħrajn fuq pjattaformi diġitali, se jirċievu sa 75 % tal-ispejjeż b'rata fissa ta' kull xahar.
- Benefiċċju ta' għoti ta' impjieg: Dan il-pagament jibbenefika lill-ħaddiema ssensjati billi jiffaċilita l-impjieg mill-ġdid tagħhom taħt kuntratti b'terminu

¹⁷ Analiżi tar-Riskji u Punti ta' Kontroll Kritiċi (HACCP)

¹⁸ L-ISO 9001 jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' sistema ta' ġestjoni tal-kwalità.

¹⁹ Il-familja tal-ISO 14000 tindirizza aspetti varji ta' ġestjoni ambjentali.

²⁰ Il-Mudell ta' Kwalità (EFQM) definit mill-Fondazzjoni Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kwalità

²¹ Sistemi tat-tisħin, il-ventilazzjoni u l-kundizzjonament tal-arja (HVAC).

fiss jew permanenti f'intrapriża differenti. Għal impjieg mill-ġdid taħt kuntratti permanenti l-intrapriża li timpjega se tirċievi EUR 3 000 għal kull ħaddiem filwaqt li għal impjieg mill-ġdid taħt kuntratti b'terminu fiss ta' mill-inqas 12-il xahar, l-intrapriża li timpjega se tirċievi EUR 1 000 għal kull ħaddiem.

30. L-azzjonijiet proposti deskritti hawnhekk jikkostitwixxu miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwixxux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
31. Spanja pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar l-azzjonijiet li huma obbligatorji għall-impriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tissostitwixxix dawn l-azzjonijiet.

Il-baġit stmat

32. L-ispejjeż totali stmati huma ta' EUR 1 428 000, li jinkludu nefqa ta' EUR 1 334 000 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 94 000 għal attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar.
33. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 856 800 (60 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' parteċipanti	Spiża stmata għal kull parteċipant (f'EUR) (*)	Spejjeż totali stmati (f'EUR) (**)
Servizzi personalizzati (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a) u (c) tar-Regolament tal-FEG)			
Merħba u sessjonijiet ta' informazzjoni: (<i>acción de acogida</i>)	250	204	51 000
Gwida okkupazzjonali (<i>orientación, asesoramiento laboral e itinerario personalizado de inserción</i>)	250	408	102 000
Kollokamenti ta' impiegi (<i>Kollokamenti ta' impiegi</i>)	250	476	119 000
Taħriġ (<i>formación</i>)	230	2 000	460 000
Promozzjoni tal-intraprenditorija (<i>emprendimiento</i>)	30	2 000	60 000
Kontribuzzjoni għall-ftuħ ta' negozju (<i>incentivo para establecimiento de negocio</i>)	16	13 400	214 400
Subtotal (a):			1 006 400
Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:		–	(75,44 %)
Benefiċċji u inċentivi (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG)			

Benefiċċju għall-parteciċipazzjoni (<i>incentivo para participar</i>)	170	600	102 000
Kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar (<i>incentivo para desplazamiento</i>)	50	300	15 000
Għajjnuna għal min jieħu ħsieb persuni dipendenti (<i>Incentivos que remuevan obstáculos que impidan la participación</i>)	50	1 500	75 000
Kontribuzzjoni għall-ispejjeż għat-tibdil tar- residenza (<i>incentivo por traslado</i>)	5	3 000	15 000
<u>Kontribuzzjoni b'rata fissa tal-internet</u> (<i>incentivo para disponer de acceso a Internet en el domicilio</i>)	150	404	60 600
Benefiċċju ta' għoti ta' impjeg (<i>incentivo empleadores</i>)	25	2 400	60 000
Subtotal (b):			327 600
Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:		–	(24,56 %)
L-azzjonijiet taħt l-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-FEG			
1. Attivitàjiet preparatorji		–	0
2. Ġestjoni		–	90 000
3. Informazzjoni u pubbliċità		–	4 000
4. Kontroll u rapportar		–	0
Subtotal (c):			94 000
Perċentwal tal-ispejjeż totali:		–	(6,58 %)
L-ispejjeż totali (a + b + c):		–	1 428 000
Kontribuzzjoni mill-FEG (60 % tal-ispejjeż totali)		–	856 800

(*) Biex jiġu evitati d-deċimali, l-ispejjeż stmati għal kull ħaddiem tqarrbu għall-eqreb numru sħiħ. Madankollu t-tqarrib ma għandu l-ebda impatt fuq l-ispiża totali ta' kull miżura li jifdal bħal fl-applikazzjoni mressqa minn Spanja.

(**) It-totali ma jaqblux bl-eżatt minhabba t-tqarrib.

34. L-ispejjeż tal-azzjonijiet identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG ma jaqbżux il-35 % tal-ispejjeż totali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati. Spanja kkonfermat li dawn l-azzjonijiet huma kundizzjonali fuq il-parteciċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira f'attivitàjiet ta' tfittxija ta' impjegi jew taħriġ.
35. Spanja kkonfermat li l-ispejjeż tal-investimenti għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, il-ftuħ ta' negozji u l-akkwiżizzjonijiet minn impjegati mhux se jaqzbu l-EUR 15 000 għal kull benefiċjarju.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

36. Spanja bdiet tipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fl-20 ta' Settembru 2016. Għaldaqstant, in-nefqa fuq dawn l-azzjonijiet se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-20 ta' Settembru 2016 sal-20 ta' Settembru 2018.
37. Spanja bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva sabiex timplimenta l-FEG fl-1 ta' Ottubru 2015. In-nefqa fuq l-attivitajiet ta' thejjiġa, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Ottubru 2015 sal-20 ta' Marzu 2019.

Komplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

38. Is-sors ta' prefinanzjament jew kofinanzjament nazzjonali huwa l-finanzjament pubbliku s-SERVEF²² (uffiċċji tax-xogħol pubbliku tal-gvern awtonomu).
39. Spanja kkonfermat li l-miżuri deskritti hawn fuq li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhux se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.

Il-proċeduri għall-konsultazzjoni mal-benefiċjarji fil-mira jew mar-rappreżentanti tagħhom, jew mas-sħab soċjali, kif ukoll mal-awtoritajiet lokali u reġjonali

40. Spanja indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, l-imsieħba soċjali, l-assoċjazzjoni rilevanti ta' min iħaddem u l-awtoritajiet lokali (Sagunto).
41. Imħassba dwar is-sitwazzjoni vulnerabbli tal-ħaddiema wara t-tħabbir tal-għeluq tal-intrapriża, ir-rappreżentanti ta' dawk li kienu jaħdmu mal-Bosal (l-intrapriża li tat is-sensja lill-biċċa l-kbira tal-ħaddiema kkonċernati minn din l-applikazzjoni) informaw is-SERVEF dwar ir-rieda tagħhom li jappoġġjaw l-applikazzjoni għal finanzjament mill-FEG. F'laqgħa li saret fl-1 ta' Ottubru 2015, ġie deċiż li jirċievu l-għajnuna mill-FEG. F'laqgħat sussegwenti, il-miżuri li kellihom jiġu offruti lill-ħaddiema ġew definiti skont l-iskeda tagħhom.

Ġestjoni u sistemi ta' kontroll

42. L-applikazzjoni tinkludi deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess entitajiet li jiġġestixxu u jikkontrollaw l-Fond Soċjali Ewropew (ESF) fi Spanja. Id-Dirección General de financiación y Fondos Europeos se jkun il-korp intermedjarju għall-awtorità ta' ġestjoni.

L-impenji mogħtija mill-Istat Membru kkonċernat

43. Spanja tat l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa rigward dawn li ġejjin:
 - il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-trattament u ta' nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fil-kuntest tal-aċċess għall-azzjonijiet proposti u l-implimentazzjoni tagħhom,
 - ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfatti,

²² Servicio Valenciano de Empleo y Formación de la Generalitat Valenciana (SERVEF).

- L-intrapriżi li taw is-sensji, li komplew bl-attivitajiet tagħhom wara s-sensji, ikkonformaw mal-obbligi legali tagħhom li jirregolaw is-sensji u pprovdew għall-ħaddiema tagħhom kif xieraq,
- l-azzjonijiet proposti mhumiex se jirċievu għajnuna finanzjarja minn fondi oħrajn jew minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni, u kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat,
- l-azzjonijiet proposti se jikkomplementaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali,
- il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

44. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020²³.
45. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-FEG, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-ispejjeż stmati, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi mobilizzat il-FEG għall-ammont ta' EUR 856 800, li jirrappreżenta 60 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti, biex tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
46. Id-deċiżjoni proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba²⁴.

Atti relatati

47. Fl-istess żmien li se tkun qed tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiġu trasferiti EUR 856 800 fil-linja baġitarja rilevanti.
48. Filwaqt li tadotta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tadotta deċiżjoni fuq kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li se jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni proposta biex jiġi mobilizzat il-FEG.

²³ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

²⁴ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni minn Spanja – EGF/2016/004 ES/Comunidad Valenciana - Vetturi

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006²⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba²⁶, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu l-għan li jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u fil-każ ta' persuni li jaħdmu għal rashom meta l-attività tagħhom tkun intemmet b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew b'riżultat ta' kriżi ekonomika u finanzjarja globali ġdida, u biex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013²⁷.
- (3) Fil-21 ta' Ġunju 2016, Spanja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-FEG, fir-rigward ta' sensji fis-settur ekonomiku kklassifikat skont il-klassifikazzjoni statistika tal-attivitàjiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ("NACE") Reviżjoni 2 Diviżjoni 29 (Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers) fin-nomenklatura tal-unitajiet territorjali għall-istatistika ("NUTS")²⁸ 2 fir-reġjun ta' Comunidad Valenciana (ES52) fi Spanja. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali mogħtija skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Din l-applikazzjoni tikkonforma

²⁵ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

²⁶ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

²⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

²⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34)

mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

- (4) B'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013, l-applikazzjoni minn Spanja hija meqjusa ammissibbli peress li s-sensji għandhom impatt serju fuq l-impjiegi u l-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali.
- (5) Għalhekk, il-FEG għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 856 800 fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata minn Spanja.
- (6) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed biex jiġi mmobilizzat il-FEG, din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2016, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jagħti s-somma ta' EUR 856 800 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Hija għandha tapplika minn *[the date of its adoption]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

* *Date to be inserted by the Parliament before the publication in OJ.*